# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU 1653

Kaz Nru. 1433/AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Dr. Carmel Chircop LL.D.

u

Awtorita Marittima ta' Malta

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Illum it-Tnejn 12 ta' Dicembru 2005

**<u>Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana</u>**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Dr. Lawrence Gonzi Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fit-3 ta' April 2000 biex jigi pprocessat skond l-Artikli 28 (2) tal-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali Kap.266.

Dr. Carmel Chircop LL.D, aktar 'l-quddiem jissejjah l-Appellant kien assistit ghal erba' seduti mill-Avv. Philip Sciberras LL.D, ghaxar seduti kienu mexxijin minn l-Avv. Carmel Chircop LL.D stess u erbatax il-seduta mill-Avv. Pawlu Lia LL.D

Ghall-Awtorita Marittima ta' Malta li aktar 'l-quddiem tissejjah l-Awtorita dehru s-Sinjuri Oscar Borg, *Chief Executive,* Dr M. Bonello, *Chairman* ta' l-Awtorita Marittima ta' Malta, Ray Stafrace, Dr. David Attard, Carmelino Vassallo, u l-Perit Marc Bonello; jassistu l-Avv. Joe Galea Debono LL.D. zewg seduti, l-Avv. Veronica Galea Debono LL.D. seduta wahda u l-Avv. Franco Vassallo LL.D. hamsa u ghoxrin seduta.

It-Tribunal zamm disgha u ghoxrin seduta.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-Appellant beda fl-impieg mas-socjeta appellata fl-1 ta' Lulju 1994 u gie tterminat mill-impieg fit-3 ta' Marzu 2000.
Illi qabel ma gie mpjegat is-socjeta appellata infurmatu illi x-xoghol litiguz u gudizzjarju kien qed isir minn tliet avukati ohra. Is-socjeta appellata xtaqet li tibqa tuza s-servizzi taghhom minhabba li kien ilhom fis-sehh ghal hafna snin. L-appellant ma kellu ebda oggezzjoni ghal dan u huwa ghalhekk gie impjegat mas-socjeta bhala *"in-house lawyer."*

Illi susegwentament l-Appellant gie wkoll imqabbad jirraprezenta lis-socjeta appellata fil-kawzi. Ta' dan is-servizz gie miftiehem sistema ta' rimunerazzjoni li fil-fatt gie imhallas.

Illi fit-3 ta' Marzu 2000 ic-Chairman tas-socjeta appellat minghajr ebda osservanza tal-procedura ta' dixxiplina nterna ittermina l-impieg ta' l-appellant minn mas-socjeta appellata.

Illi ghalhekk it-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda ghal kollox abbuziva u msejjsa fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti.

Is-socjeta appellata tghid illi l-appellant kien impjegat fil-15 ta' Gunju 1994 bhala *"full-time legal advisor"* fuq kuntratt definit, sena wara gie estiz ghal wiehed indefinit.

Illi skond l-istess kuntratt il-pozizzjoni kienet titqies bhala wahda ta' fiducja.

Illi l-Bord tas-socjeta appellata ikkonsidra l-pretensjoni ta' l-Appellant li oltre l-paga tieghu jigbor u jzomm hlasijiet ohra dovuti lis-socjeta bhala spejjes tal-Qorti f'kazijiet mirbuha u dan wara li jigi ezaminat fir-reqqa d-dmirijiet u l-obligi originali li kellu l-Appellant.

Illi f'Jannar 2000 l-Appellant beda passi legali kontra l-employer tieghu cioe' l-Awtorita Marittima Maltija sabiex jigi rifondut hlasijiet ta' drittijiet intaxxati mill-Qorti ghal numru ta' kawzi li hu allegament sostna li kienu dovuti lilu.

Illi permezz ta' dan l-agir u nuqqasijiet ohra nkisret ir-rabta ta' fiducja li tezizti bejn l-impjegat u l-employer specjalment meta dan l-agir sar bl-aktar mod goff (sekwestru) liema mod tefa dell ikrah fuq l-Awtorita Marittima u l-ufficjali taghha u in oltre wettaq dan l-agir meta kien fi dmiru jiddefendi l-Awtorita bhala l-uniku avukat ta' l-Awtorita.

Illi naqas illi jinforma s-superjur tieghu, cioe' c-*Chairman* ta' l-Awtorita illi hu (Dr. Chircop) kien diga qieghed jaghmel xoghol ta' "litigation" qabel ma ntemm ir-*retainer agreement* bejn l-Awtorita u Dr. A. Grech li kien ir-retainer lawyer tal-Awtorita ghal xi zmien.  Dan wassal biex il-Bord jigi zvijjat u ghaldaqstant kull pretenzjoni ta' Dr. Chircop fil-konfront ta' l-Awtorita dwar hlasijiet dovuti ghal kawzi huma kollha nfundati u bla bazi.

Illi Dr. Chircop kiser klawsoli 4 u 5 tal-kuntratt ta' l-impieg tieghu meta kien jaghmel xoghol iehor privat li ghalieh ma kellux permess bil-miktub.  Illi dan ix-xoghol jitqies bhala wiehed ta' konflitt ma' l-impieg tieghu fl-Awtorita u li hu stess kien ghamel dikjarazzjoni bil-miktub illi mhux ser jaghmel.  Illi dan ix-xoghol privat kien qieghed isir waqt il-hin tax-xoghol normali tieghu fl-Awtorita u biex jghatti dan sahansitra mela "Attendance Sheet" foloz f'dan ir-rigward.

Illi mhux biss naqas milli jimxi b-mod etiku u trasparenti izda ghal kuntlarju, injora fost ohrajn, r-rakomandazzjonijiet maghmula mill-awdituri finanzjarji ta' l-Awtorita.

Ghal dan kollu, l-impieg ta' Dr. Chircop gie tterminat permezz ta' ittra datata 3 ta' Marzu 2000 mahruga mic-*Chairman* ta' l-Awtorita Dr. Edward Woods u sussegwentament ikkonfermata unanimament mil-Bord ta' l-Awtorita.

**Xhedu s-segwenti sinjuri**

Dr. Edward Woods, *Chairman,* Oscar Borg, *Chief Executive,* Dr. Hugh Peralta LL.D., Ray Stafrace, *Financial Controller,* John Abela *ta' Howarth (Malta) Ltd*., Mario Portelli, A*ccountant,* Capt. Joseph Zerafa, *Technical Manager,* Saviour Mifsud, *Managing Director ta' l-Ace Shipping Ltd.,* Joseph Spiteri, Direttur Generali tal-Kuntratti*,* Carmelino Vassallo, Direttur Esekuttiv*,* l-Appellant, Joseph Grioli, *ex- Chairman tal-MMA,* Perit Marc Bonello, ic-*Chairman* ta' l--Awtorita Onor. Joe Debono Grech M.P., Chris Farrugia, *Senior Manager,* Dr. David Attard, *Senior Manager Corporate Affairs,* u Joseph Raymond Aquilina, *Chief Executive Melita Cable.*

**Dokumenti**

Matul is-smieh tal-kaz gew pprezentati numru kunsiderevoli ta' korrispondenza, dokumenti u affidavit.

**Xhieda fil-qosor**

Xhud Dr. Edward Woods qal illi lehaq Chairman fl-20 ta' Jannar 1997 u spicca fil-31 ta' Marzu 2000. L-appellant sabu jahdem hemmhekk u kien il-Legal Advisor ta' l-Awtorita, Il-Bord iddecieda illi l-appellant wara li kienu spiccaw ir-retainers ghandu jkun intitolat li jigbor *legal fees* minghand terzi f'kaz ta' litigazzjoni. Il-bidu kien tajjeb li nqalgha kien il-kaz ta' *Intercement* li kien thallas tal-*legal fees* direttament minghand il-kontroparti qabel mal-flus dahlu ghand l-MMA. Qal li kellu hafna fiducja f'Dr. Chircop tant kien poggieh Segretarju tal-Bord ta' l-Awtorita Marittima. Gara illi kien hemm kaz mal-*Intercement Ltd*. dwar kaz li hu kien ghamel *cheque* fuq ismu biex jithallas tal-kawzi minghajr ma kellu awtorita

minn ghandu waqt li kien qal li l-*Financial Controller* li hu kien jaf b'kollox. Qal illi dan urtah hafna ghax ma hux sewwa li jigi mplikat f'kontijiet bhal dawn ta' ammonti kbar ta' flus meta l'anqas biss kien jaf b'xejn. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm kaz iehor dwar vapur *Polianne* dwar hlas ta' tariffi mad-Direttur tal-Portijiet, is-Sur Charles Schembri u Dr. Carmel Chircop. Intahaq ftehim billi naqsulu parti minn dak li kellu jghati. Ix-xhud ma kien jaf b'xejn meta Dr. Chircop kien qal li hu kien tkellem mieghu. Zied jghid ix-xhud illi Dr. Chircop kellu kazijiet ohra barra dawn.

L-Appellant kien baghat ittra Ufficjali lill-Aworita Marittima biex jithallas tax-xoghol tal-Qorti, xoghol u hlas separat mill-impieg tieghu. Wara ghamel sekwestru kontra l-Awtorita, ix-xhud hass li dan kien pass illi hu l-avukat ta' l-Awtorita Marittma issekwestra l-istess flus ta' l-Awtorita li jahdmu bihom.

Xhud Is-Sur Oscar Borg, *Chief Executive,* ilu fil kariga mill-1993 qal illi l-Appellant ghamel certu pretenzjonijiet meta kien ghadu fl-impieg. Barra milli kien *Legal Advisor* kien ukoll Segretarju tal-Bord ta' l-Awtorita Marittima mill-1997 u kien ukoll jassumi l-kariga ta' certu sotto kumitat ta' MMA b'salarju ta' Lm9,200.

Qal illi kien ghamel mandat ta' sekwestru ghal hlas li kellu jiehu meta kien ghadu fl-impieg. Fuq mostoqsija li saritlu jekk jafx li hemm min jaghmel xoghol privat, qal illi sa fejn jaf li ma hemmx. Jghid illi l-Appellant tkecca fuq il-kawza li ghamel lill-Awtorita meta kien l-uniku avukat ta' l-Awtorita Marittima. Ix-xhud qal ukoll illi kien hemm hames kawzi li kien qed jiddefendi f'isem l-Awtorita meta kien qieghed jghid illi ma kienx qed jaghmel xoghol ta' *litigation*. Kien iddikjara disa' xhur qabel ma tkecca illi kien jahdem ma' Hugh Peralta (*part-time*) Kellu fil-kuntratt illi fix-xoghol tieghu (*part-time*) ma jkunx ta' natura konflingenti u li ma jaghmlux waqt il-hin tax-xoghol. Ix-xhud qal illi l-Appellant kien fuq xoghol privat waqt il-hin tax-xoghol meta fl-istess hin kien iffirma li kien fuq xoghol ta' l-Awtorita.

Xhud Dr. Hugh Peralta LL.D. qal illi l-Appellant kien beda jahdem mieghu fin 1993, kien ha fidejh ix-xoghol tas-*shipping*. Wara xi zmien kien qallu illi kien hemm applikazzjoni mal-MMA *Legal Department* u kien qallu li hu se japplika, kien qallu kollox sew sa kemm ma jtelfekx ix-xoghol taghna u kien qallu illi mhux ha jkun hemm *conflict* max-xoghol illi jaghmel fl-ufficcju.

Xhud Is-Sur Ray Stafrace, *Financial Controller* ta' l-Awtorita*,* dahal fl-impieg fl-1991. Meta dahal l-appellant ma' l-Awtroita kien jirrispondi lilu. L-Awtorita kellha kawza tal-M.V. Propeni fejn kellha tiehu hamsin elf lira Maltin. L-Appellant fetah negozjati mal-kaptan tal-vapur fejn wasal f'arrangament mieghu fejn flok hamsin elf jaghti tnejn u erbghin elf. L-Appellant zamm ghalih elf lira Maltin. Kien irrizulta illi kien cempillu s-Sur Victor Valentino, *l-Accountant* tal-Port*,* fejn qallu li ghandu xi cekkijiet u li wiehed minnhom qieghed jitolbu l-Appellant. Ix-xhud qal li hu ma kien jaf b'xejn u kien irraporta b'kollox lic-*Chairman*. Minn naha tieghu ic-*Chairman* innega li kien jaf b'dan id-diskors.
Darba minnhom kien cempillu l-Manager tal-Bank u qallu li ghandkom il-kontijiet iffrizati ghax ghamel mandat Dr. Carmelo Chircop.

Xhud is-Sur John Abela, *Partner Howart (Malta) Ltd* l-awditur tal-MMA*,* qal li gie inkarigat mic-*Chairman* Dr. Woods f'Marzu 1998 biex jinvestiga xi *fees* illi kien ha l-*inhouse Legal Advisor,* fuq il-kuntratt ta' l-*Intercement*. Ikkonkludew illi ma jistghux jifhmu kif xi hadd illi jkun *"an inhouse Legal Advisor"* jithallas direttament minghand il-klijent tal-MMA. Qal ma hux normali mhux biss f'kumpanija parastatali imma fi kwalunkwa kumpanija fil-privat; il-*fees* ghandhom jithallsu direttament minghand l-MMA jew mill-kumpanija privata u mhux jithallas minghand il-klijent partikulari.

Xhud is-Sur Mario Portelli, *Accountant fl'MMA,* qal illi ilu disa' snin mal-MMA, il-funzjoni tieghu hi li johrog l-*accounts* regolari ghal membri tal-Bord u funzjoni ohra li jiprocessa l-pagamenti. Qal illi l-Appellant kien imur ghandu b'xi cekkijiet li johorgu f'ismu izda minhabba li ma jkunux f'isem l-Awtorita kien imur bihom

ghandu biex ikun jista' jiddepozithom fil-kont tal-*Malta Maritime*. Fuq mistoqsija tad-difensur ta' l-Awtorita jekk qattx tah dokumentazzjoni mac-cekk biex ikun jaf ta' xiex huwa, x-xhud irrisponda illi kien itieh ic-cekk biss.

Xhud is-Sur Joseph Zerafa, *Technical Manager* mal-*Malta Maritime,* qal illi ilu ma' l-Awtorita mill-1993 u ghandu kuntratt normali (*standard*). Qal li ilu jaghmel xoghol privat minn kemm ilu li gie appuntat f' Awissu1994 *Government Surveyor of Ships,* dejjem ghamel xoghol relatat u l-Awtorita jafu li jaghmel dan ix-xoghol. Fuq mistoqsija mill-Appellant jekk ghandux access ghal *files* tal-vapuri irrisponda li ghandu. Qal ukoll illi s-segretarja ta' l-Appellant Therese Mac Kay gieli marret fl-ufficcju tieghu l-Awtorita biex tqabbdu jaghmel xoghol privat ta' *specifications* u gieli kienet iccempillu.

Xhud Dr. Joseph Schembri LL.D. qal illi kienet saret laqgha fl-Awtorita ghand id-Direttur Charles Schembri dwar il-vapur MV Propeni. Il-laqgha kienet dwar kawza. Kien gie Malta ghalhekk il-propretarju tal-vapur biex jaraw jistghux isibu arrangament. Kien intlahaq ftehim. Fin-negozjati l-figura naqset u dan kollu sar fil-prezenza ta' kulhadd inkluz is-Sur Charles Schembri id-Direttur tal-Port. Ix-xhud qal illi kienet inizjattiva tieghu li c-cekk ta' elf lira Maltin johrog fuq isem l-appellant u illi l-Appellant qatt ma talab li jsir fuq ismu.

Xhud is-Sur Saviour Mifsud, *Managing Director Ace Shipping Limited,* qal illi minhabba li Anthony Ferris ma kellux licenzja illi jaghmel *audited accounts* kienu ikkontatjaw lis-Sur Ray Stafrace biex jaraw jistghax jaghmel ix-xoghol. Iddiljaw dwar il-*fee* bhala *Accountant* u *Financial Controller.* Qal illi s-Sur Stafrace mar fl-ufficcju tieghu fit-08.15 a.m., gieli mar fl-10.00 a.m., gieli mar anki wara nofsinhar.

Qal illi biex seta' jghamel dan ix-xoghol ta' *Financial Controller* bilfors li kien irid idum *substantial time.* Kienu jcemplulu fl-ufficcju qabel ma jmur. L-appellant

staqsa lix-xhud jekk kienx hallas lis-Sur R. Stafrace peress illi meta kien xehed is-Sur Stafrace kien qal illi hu jahdem b'xejn, ix-xhud irrisponda kien hallsu.

Xhud is-Sur Joseph Spiteri, Direttur Generali tal-Kuntratti tal-Gvern, qal illi kien kelmu l-appellant u kien wrieh xi karti, xi dokumenti li hu hass li kien ta' serjeta bizzejjed illi cempel lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tat-Trasport u Kommunikazzjoni, is-Sur Anthony Pavia biex imur ikelmu l-Appellant. Il-kaz kien dwar kuntratt ta' l-amara.

Xhud Kaptan Joseph Zerafa qal li ma ghandu xejn bil-miktulb li jista' jaghmel xoghol privat. Xoghol privat ghamel dejjem u dejjem gie accettat mill-kap tieghu s-Sur Lino Vassallo li huwa wiehed mid-Diretturi ta' l-Awtorita.

Xhud is-Sur Carmelino Vassallo qal li hu kien jaf li il-Kaptan kien jaghmel xoghol privat. Il-Bord ta' l-Awtorita kien jaf illi l-Kaptan jaghmel xoghol privat, li kien importanti hu illi x-xoghol ma kienx "in conflict" ma' dik ic-certifikazzjoni li kien jaghmel. Qal illi jara illi kull min jaghmel xoghol privat ma jkunx "in conflict" mar-responsabiltajiet taghhom. Qal ukoll illi kien jaf li l-appellant kien jaghmel xoghol privat li ghandu x'jaqsam mar-registrazzjoni tal-vapuri. Dak iz-zmien kien ghadda l-kummenti tieghu lic-*Chairman* is-Sur Grioli.

Xhud l-Appellant qal illi hu kellu ftehim mhux li ma jaghmilx xoghol privat imma li ma jaghmilx xoghol fix-*Shipping Directorate*, dan sar mac-*Chairman* is-Sur Grioli. Is-Sur Grioli ried illi d-dikjarazzjoni tkun indirizzata lic-*Chief Executive* is-Sur Oscar Borg. Minhabba illi l-Awtorita ma ghandha ftehim ma hadd dwar xoghol privat ried li din tibqa fil-kaxxun tac-*Chief Executive* u li lanqas tidhol fil-*file* tieghu u l-anqas l-HRD Manager ma jkun jaf biha.

Ix-xhud qal illi qatt ma r-registra vapuri matul il-perjodu li dam l-Awtorita. Sostna

illi kien hemm ohrajn li kienu jaghmlu xoghol privat fl-Awtorita imma hadd ma kellu approvazzjoni bil-miktub izda hu kien l-uniku wiehed li kellu approvazzjoni u dikjarazzjoni.

Fil-25 ta' Settembru 1997 ic-*Chairman* Dr. Edward Woods kien ressaq proposta quddiem il-Bord (Minute 49/97 – Judical Representation) biex hu (l-Appellant) jibda jiehu x-xoghol kollu tal-Qorti. Minhabba li ma kellux dan il-ftehim ma' l-Awtorita, ic-*Chairman* offrielu illi meta l-Awtorita tirbah il-kawza jigbor it-taxxa huwa minghand it-terzi, id-dritt legali bhala hlas tieghu u jekk l-Awtorita titlef il-kawza ma jiehu xejn. Fis-27 ta' Frar 1998 ic-*Chief Executive* kiteb *memo* lil *Financial Controller* biex jghidlu li l-Bord iddecieda illi l-Appellant ghand jithallas. Kien thallas darba, wara ma baqghax jithallas. Minn Frar 1998 sa Dicembru 2000 il-*Financial Controller* ma kienx ried ihalsu.

Minhabba li baqa' ma thallas l-Appellant qal li kien ghamel ittra ufficjali lil-Awtorita, ma kienx hemm risposta ghall-ittra ufficjali. Wara kien ghamel rikors ghall-isbank u l-istess ma wiegbu xejn. Kien ghamel rikors u giet milqugha, hemm fil-fatt decizjoni tal-Qorti li seta' jisbanka il-flus. Il-flus ma zbankahomx ghax kien qal lic-*Chairman* Dr. Woods li hu ma jriedx illi l-flus jehodhom bis-sahha tal-Qorti imma ried li jintlahaq ftehim bejn l-Awtorita u hu li d-decizjoni tigi effettwata.

Gara illi s-Sibt 4 ta' Marzu 2000 fl-ghaxra ta' filghodu kien mar il-messaggier ta' l-Awtorita ghandu d-dar u tah ittra. L-ittra kienet tghid illi gie itterminat mill-impieg ghax ic-*Chairman* Dr. E. Woods tilef il-fiducja fieh. L-Appellant ghamel ittra ta' risposta lic-*Chairman* Dr. Woods fejn qallu illi meta gie appuntat fl'1996 kien illi l-bnediem li jista' jkecci mpjegat huwa c-*Chief Executive* ta' l-Awtorita wara li tghaddi l-procedura dixxiplinarja. Ic-*Chairman* Dr. E. Woods laqqa l-Bord b'urgenza tliet tijiem wara biex ikun jista' jiddefendi ruhu. Qal illi kien talab biex jidher quddiem il-Bord biex jkun jista' jiddefendi ruhu. It-talba ma gietx milqugha,

qallu biss illi tkecca ghar-raguni li hu kellu konftitt ta' interess ghax hu qed jahdem ma' Hugh Peralta.

Mistoqsi mid-difensur ta' l-Awtorita, l-Appellant qal illi *Executives* tal-grad tieghu kellhom procedura ta' dixxiplina li kienet ilha fis-sehh minn 1993 li hi differenti minn tal-*Collective Agreement*. Qal wkoll illi ghal darba ohra hu kellu *understanding "not to register work"* dan kien il-ftehim li kien ghamel mas-Sur Grioli ghax qabel dan il-ftehim kellu *understanding* mal-*Administration Manager* li seta' jaghmel xoghol privat.

Xhud is-Sur Joseph Grioli ex-*Chairman* ta' l-Awtorita Marittima minn Awissu 1992 sa Jannar 1997, qal illi kien ircieva lmenti illi l-appellant kien qieghed jaghmel xoghol relatat max-Shipping Directorate. Kien ircieva ghadd ta' lmenti li ma kienx *fair* mal-kompetitivi tal-*business* ta' l-Appellant. Qal illi kien kellem lill-Appellant fejn kien ghamillu weghda sollenni illi ser jitlaq mill-prattika li kellu fl-ufficcju ta' Dr. Hugh Peralta LL.D. Fuq domanda li saritlu mid-difensur ta' l-Awtorita jekk l-appellant seta' privatament jibghat lil haddiehor jirregistra, is-Sur Grioli qal illi fil-fatt kien ta' ghazla lil-Appellant jew jinqatgha jew ma jibqax ma' l-Awtorita u talbu biex jghazel hu. Ix-xhud qal illi dan kien ghalieh kaz ta' konflitt ta' interess.
Ix-xhud qal li hu kien sodisfatt illi *"he phased out"* jew inkella ma kellux provi li ghadu qieghed jinvolvi ruhu. Qal ukoll illi hu fil-fatt ma kellu ebda oggezzjoni li jaghmel xoghol privat sa kemm ma jkunx konflingenti ma' xoghol ta' l-Awtorita.

Xhud Perit Marc Bonello, *Chairman* ta' l-Awtorita Marittima, qal li hu "*non executive"* gie appuntat *Chairman* fl-1 ta' April 1999. Qal illi kien ic-*Chairman* Dr. E. Woods li ttermina l-impieg ta' l-Appellant. Ma kienx jaf bit-tkeccija qabel ma rcieva ittra minghand Dr. Woods li ntbghatet ghandu bid-*driver* ta' l-Awtorita. Kien is-Sibt 4 ta' Marzu 2000 illi staqsa lil Dr. Woods x'kienet ir-raguni tat-tkeccija. Dr. Woods qallu illi hu bhala *Chairman* ta' l-Awtorita kien tilef il-fiducja f'persuna li kienet tokkupa kariga ta' fiducja fl-Awtorita; kariga li kienet intiza sabiex tiddefendi l-interessi ta' l-Awtorita. Ix-xhud qal illi permezz ta' *Garnishee*

*Orders* li kien hareg kontra l-Awtorita kien ovvjament waqqa l-Awtorita ghar-redikolu. Fil-15 ta' Lulju 1999 l-Appellant kien baghat *Memo* fejn qal illi kellu ftehim qabel ma iffirma l-kuntratt ta' l-impieg fl-Lulju 1994 illi hu jkun jista jipprattika il-professjoni, suggett illi ma jaghmilx aktar firmatarju fuq Registrazzjoni tal-Vapuri. Qal illi d-Diretturi interni partikularment id-Direttur tal-*Merchant Shipping* is-Sur Lino Vassallo kien jarha haga stramba illi l-Appellant jaghmel xoghol privat sfatcatament quddiem impjegati ohra ta' l-Awtorita bhala *part-time* ghal Hugh Peralta and Associates waqt il-hin tax-xoghol li ghandu konflitt ta' interess.

Xhud Christopher Farrugia, *Senior Manager,* qal illi ghandu kuntratt li biex jaghmel xoghol privat irid ikollu permess. Kien tkellem mac-*Chairman* u mac-*Chief Executive* u kienu tawh permess bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm konflitt ta' interess max-xoghol ta' l-Awtorita. Ix-xoghol tieghu hu ta' *"Measurement of Works* jew *Project Managements"* ikejjel fuq *Contruction Sites.* Ix-xoghol jaghmlu waqt il-hin liberu fil-*weekend* jew meta jkun bil-*leave*.

Xhud is-Sur Joseph Raymond Aquilina, *Chief Executive ta' Melita Cable,* qal illi kien wkoll *Direttur tas-socjeta OMI Malta Limited,* minn 1996 sa 1998. Kien gie mghoti *assignments* ma' l-Awtorita Marittima. Mistoqsi mill-Appellant dwar parir lill-Dr. Woods, *Chairman*, fir-rigward tat-terminazzjoni tieghu f'Marzu 2000 , qal illi jidhirlu illi minhabba li Dr. Woods kien wasal fl-ahhar zmien tal-kariga u ma kienx jaf meta se jispicca kien deher li ried jghaggel u jiehu l-pass ta' tkeccija malajr. Gieli tkellem Dr. Woods dwar passi ta' dixxiplina imma minhabba z-zmien ghazel li ma jimxiex skond ir-regoli.

Xhud l-Appellant meta rega xehed qal illi Chris Farrugia kien jaghmel xoghol privat ghal l-OMI li hija kumpanija ta' J.R. Aquilina stess il-konsulent ta' l-Awtorita Marittima. Qal illi qatt ma ittiehdu passi ghax Farrugia huwa l-kugin tac-*Chief Executive.* Qal illi darba kien ghand klijent tieghu "Tal-General Limited" kien iltaqghu l-Mosta ghand il-kumpanija fejn kienet qamet kwestjoni dwar kejl ta' bini

gewwa Hat-Attard. Is-*sub-contractor* li kien qed jibnilu kien qed jitlob hlas dwar kejl li kien sar mis-surveyor. Dak il-hin is-*sub-contractor* cempillu fuq ix-xoghol, kien Chris Farrugia, wara nofs siegha gie min fuq ix-xoghol. Dan qatt ma kellu permess, Dr. Edward Woods kien talab lill-Appellant biex jaghmillu pjacir u jinvestiga dwar *il-finance* u *t-tendering.* Qal illi dan ma kienx xogholu u c-*Chairman* Dr. Woods qallu li ghandu fiducja fieh u riedu jaralu dak li talbu. Kien investiga lil-Ray Stafrace li kien il-*Financial Controller* kien irrizulta li sab xi nuqqasijiet. Kien irraporta b'kollox lic-*Chairman* u qallu li ma jista' jaghmel xejn. Wara dan kollu Ray Stafrace ma baqghax ihallsu, la johrog pagamenti tal-Qorti la jhallsu s-servizz tal-karozza ta' l-Awtorita. Qal illi Dr. Woods kien kellem lis-Sur Stafrace li ried jhallas lil-Appellant ghax hemm decizjoni tal-Bord dwar pagamenti u xorta baqa jghamel fattieh.

L-Appellant qal illi kien qallhom li sa Jannar 2000 din il-kwestjoni jekk ma jsolvuwiex huwa sejjer jimxi mod iehor. F'Jannar ha passi bil-Qorti baghat ittra ufficjali u mandat kontra l-Awtorita.

**Sottomissjonijiet finali**

Id-difensur ta' l-Awtorita qal illi saret enfasi li t-tkeccija saret ghar-raguni li l-appellant kien jahdem privat. Ghalkemm il-kaz ha dik il-linja ghal xi raguni, ma kienetx ir-raguni ewlenija li gie tterminat l-impieg. L-impieg ta' l-Appellant ma kienetx wahda ta' impieg semplici ghaliex fl-MMA kien konsulent legali li kellu pozizzjoni ta' fiducja tant illi jirraporta biss dirett lic-*Chairman*.

Qal illi meta avukat jaccetta l-inkarigu, huwa jassumi obbligu li jesegwixxi l-Att Guridiku li ndahal ghalieh fl-interess tal-klijent. Illi ma jistax jippretendi li jinghata vantagg ghalih mis-somom lilu affdati ghal skop specifiku. L-Appellant suppost jaf illi ma tistax tiftah kawza biex tithallas. Qal illi ghandu jiftiehem id-differenza bejn professjoni u impieg. Sostna illi dan hu punt determinanti ghal dak li sostna l-Appellant illi c-*Chairman* Dr. Woods mhux Esekuttiv u ma kellux jedd formali li

jitterminalu l-impieg tieghu, jirrizulta car li effettivament it-terminazzjoni ta' l-appellant giet indorsjata mill-Bord sussegwentament ghal tali tkeccija.

L-Appellant qal illi ghandu jigi ccarat il-punt li ntqal li l-Awtorita kienet il-klijent tieghu, sostna li l-Awtorita kienet l-employer tieghu ghax hu kien impjegat. Qal illi mhux accettabbli illi lill-impjegat tieghek tghidlu li tridu jaghmel xoghol aktar minn dak li kellu fil-kuntratt, tghabbih b'responsabilta izied milli kellu, il-Bord japprova l-hlas ghal dan ix-xoghol zejjed u mbaghad jieqaf li jhallsu ghal sena u nofs.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan il-kaz hu dwar tkeccija ta' impjegat b'kuntratt indefinit. L-impjegat huwa Avukat u l-mpieg tieghu kien ta' *Legal Advisor* ma' l-Awtorita Marittima beda ghal sena taht impieg definit u wara sena qaleb ghal impieg indefinit. Fil-15 ta' Gunju 1994 iffirma il-"*Contract of Service".* Tkecca mill-impieg tieghu fit-3 ta' Marzu 2000.

Item 1 ta' dan il-Kuntratt jghid hekk:
*"The Employer undertakes to employ the employee, who accepts in the capacity of Legal Adviser reporting to the General Manager – Administration as from the 1st July 1994, carrying out such duties as are normally expected of the post, which duties have been described to the employee as being those which at any time may be required for the proper running of the Authority."*
Matul is-smieh tal-kaz l-aktar li gie trattat kien illi l-Appellant ghamel xoghol privat waqt il-hin tax-xoghol liema xoghol kellu konflitt ta' interess ma' l-Awtorita.

L-Appellant sostna illi huwa kellu arrangamenti minn qabel li jista' jghamel xoghol privat; dan il-ftehim intlahaq qabel ma iffirma il-*Contract of Service*. Meta kien gie ipprezentat bil-*Contract of Service* kien irrifjuta li jiffirmah imma fuq parir illi kien tah is-Sur Ray Stafrace kien iffirma ghax kien qallu li fl-Awtorita kulhadd jghamel xoghol privat. Huwa kien zamm id-dritt li jghamel xoghol privat u accetta.

Wara xi zmien l-ex-*Chairman* is-Sur Joseph Grioli kien kellem lill-Appellant u qallu li kienu waslulu xi rapporti dwar ix-xoghol privat illi kien qed jghamel. L-Appellant jghid illi kien wasal fi ftehim mas-Sur Grioli illi hu ma jirregistrax vapuri fir-Registru ta' l-Awtorita. Fis-16 ta' Jannar 1995 kiteb din l-ittra lis-Sur Oscar Borg, *Chief Executive. "I the undersigned, hereby declare and undertake not to register work with the Shipping Directorate on my own behalf and/or on behalf of third parties, which work would be considered to be in conflict with my professional duties as legal adviser to the Malta Maritime Authority"*

L-Appellant sostna illi hemm persuni ohra fl-Awtorita li jghamlu xoghol privat waqt il-hin tax-xoghol fosthom semma lis-Sur Chris Farrugia, il-Kaptan Joseph Zerafa u s-Sur Ray Stafrace.

Is-Sur Joseph Grioli ex-*Chairman* ta' l-Awtorita meta kien mistoqsi mill-Appellant jekk huwa jafx li s-Sur R. Stafrace kien jghamel xoghol privat, qal li qatt ma kellu suspetti. Seta' ghamel privat wara l-hin tax-xoghol imma ma kienx hemm konflitt ma' l-Awtorita. Fir-rigward ta' l-Appellant, qal is-Sur Grioli illi wara li kien kelmu kien tah l-impressjoni li *"he phased out";* qal illi hu ma kellux oggezzjoni li jghamel xoghol privat sa kemm ma kienx hemm konflitt ma' l-Awtorita.

L-Appellant kien iffirma "Personal Requesition" fl-4 ta' Marzu 1994 (Dokumentipprezentat ma' l-Affidavit tat-3 ta' Gunju 2003) li jispiega l-*Job Specification* iffirmat fl-1 ta' Lulju 1994 li huwa:
*"Advising Management on the interpretation of law, reviewing legislations, drafting of contracts, preliminary vetting or draft legislation, works and services contracts and tender documents"*

L-Appellant semma wkoll il-kaz ta' hlas dovut lilu li jirrizulta minn ftehim li kien sar mac-*Chairman* Dr. Edward Woods ghal xoghol barrani ta' kawzi fil-Qorti dwar meta kawza tintrebah mill-Awtorita jithallas. Ghal dan l-Awtorita halsitu darba u

wara ma sarx aktar hlas.   Jghid l-appellant li ghamel diversi tentattivi biex jircievi l-hlas dovut imma l-*Financial Controller* baqa ma hallsux.

Minhabba n-nuqqas ta' hlas lilu dovut, l-appellant fl-ahhar tas-sena 1999 kien qal lic-*Chairman* illi jekk sa Jannar 2000 ma jircevix il-hlas pendenti hu jiehu passi xort ohra.  Minhabba li l-hlas baqa ma sarx l-Appellant ghamel ittra ufficjali u sekwestru lill-Awtorita.   Ghal dan il-pass ta' l-Appellant ic-*Chairman* Dr. Woods hass li kellu jiehu passi ghaliex ra illi l-appellant bhala l-uniku avukat ta' l-Awtorita qatt ma kellu jasal sa dan il-punt illi jgib l-Awtorita ghar-redikolu.

Ic-*Chairman* Dr. Woods fit-3 ta' Marzu 2000 kiteb ittra lill-Appellant u bghatielu is-Sibt 4 ta' Marzu 2000 mal-messaggier ta' l-Awtorita d-dar tieghu.   L-ittra kienet ta' tkeccija immedjata fejn fost kollox tghid hekk:
*"Your recent actions place you in breach of the trust vested in you by the Board to whom you should have had sole recourse for the consideration of your problem"*

Matul is-smieh tal-kaz tqajmu diversi punti dwar l-andament ta' l-Appellant ghal xoghol privat liema kwestjoni l-appellant konsistentament sostna illi hu seta' jahdem privat ghax kien intlahaq ftehim mac-*Chairman* ta' dak iz-zmien is-Sur Joseph Grioli.  Minn naha tieghu l-Appellant qal illi fl-Awtorita hemm impjegati ohra li wkoll jghamlu xoghol privat.

L'ittra tat-tkeccija datata 3 ta' Marzu 2000 iffirmata minn Dr. Edward Woods, *Chairman* tirreferi ghal kaz tal-hlas tal-Qorti u wkoll ghal ittra datata 29 ta' Frar 2000 indirizzata mill-Appellant lill-*Permanent Secretary, Ministry of Transport and Communications* ikkupjata lill-President tac-*Chamber of Advocates*.  Fit-tielet paragrafu ta' l-ittra tac-*Chairman* tghid hekk:
*"Your recent Court proceeding against your employer, the fact that you have bypassed the Board of Directors by going over their head, and more alarmingly by bringing the matter to the cognizance of third parties outside the MMA and*

*outside Government to the embarrassment of MMA and Government, render your employment position untenable especially in view of your status with MMA as its legal defender"*

Huwa ghalhekk car illi t-tkeccija kienet diretta ghal kaz tal-"Court Fees". Il-provi l-ohra kollha li tresqu matul il-kaz ma kellhomx konnessjoni mat-tkeccija ta' l-Appellant.

L-Appellant ghalkemm huwa avukat u kien impjegat bhala *Legal Advisor* tal-Awtorita, quddiem il-ligi huwa mpjegat. L-Att 1976, 33(b) 1 u 2 tar-Relazzjonijiet Industrijali jipprovdi fatti bizzejjed sabiex impjegat li jkun f'post manigerjali, jew ezekuttiv li jkun jinhtieg fiducja specjali, il-kaz tieghu jersaq quddiem dan it-Tribunal.

Kif jidher mill-ittra tat-tkeccija l-Appellant tkecca minhabba li ha passi bil-Qorti kontra l-Awtorita. Wasal li ressaq il-kaz il-Qorti wara li ghamel diversi attentati sabiex il-kwistjoni tal-hlas tal-Qorti ghall-kawzi li jkun iddefenda u intrebhu f'isem l-Awtorita jithallas. Kien thallas darba biss wara li sar il-ftehim. Wara li kien ghamel it-tentattivi biex isir il-hlas stenna ghal xi zmien. Wara illi ma kellux risposta ha l-kaz il-Qorti ghamel ittra ufficjali fit-12 ta' Jannar 2000 u Mandat ta' Sekwestru fil-21 ta' Jannar 2000. Ic-Chairman argumenta illi l-appellant naqas minn dmiru bhala avukat ta' l-awtorita. Minnaha tieghu l-Appellant jargumenta illi bhala avukat huwa marbut illi jekk jghaddi z-zmien tal-preskrizzjoni jitlef id-dritt tal-hlas skond il-ligi.

L-Awtorita tghid illi l-Appellant naqas meta ha l-kaz il-Qorti primarjament ghax huwa l-avukat taghha. Ma hux kkonsidrat sewwa illi l-appellant fil-kapacita ta' mpjegat jigi f'sitwazzjoni fejn l-*employer* tieghu ma jghatiehx direzzjoni cara fiz-zmien mehtieg jekk huwiex sejjer ihallsu wara li kien diga thallas darba, meta l-*employer* jaf illi jekk jghaddi z-zmien tal-preskrizzjoni l-appellant jitlef id-dritt tieghu ghal-hlas in kwestjoni.

Kien it-tul ta' zmien li wassal lill-appellant f'dan l-istat. Kieku c-*Chairman* ta' l-Awtorita, jew il-Bord ta' l-Awtorita taw direzzjoni cara fil-hin mehtieg zgur illi dan il-kaz ma kienx jasal f'storja konflingenti.

L-Awtorita wara li hadu l-pass tat-tkeccija naqsu milli jghatu d-dritt lill-impjegat milli jressaq il-kaz tieghu quddiem Bord sewwa jekk huwa tad-dixxiplina jew Bord tad-Diretturi halli kien ikun jista' jghati l-versjoni tieghu u jiddefendi ruhu b'mod gust u liberu.

**Decizjoni**

Il-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esibiti, ra x-xhieda prodotta u t-trattazzjoniet finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi illi l-Awtorita naqset li tghati d-dritt lill-impjegat (l-Appellant) milli jappella mid-decizjoni tat-tkeccija tieghu mill-impieg. Ghaldaqstant, jiddikjara illi t-tkeccija mill-impieg ma kinetx wahda gusta u sufficjenti.

L-Appellant ghandu ghalhekk jinghata kumpens fis-somma ta' sitt elef u mitejn lira Maltin (Lm6,200). Din is-somma trid tinghata mhux izjed tard minn seba' gimghat mid-data tad-decizjoni.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qileghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**